MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2012

Numru 633/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**Vs**

**Abumerfak Akram Salam M**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Abumerfak Akram Salam M ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena u ta’ Nazzjonalità Libjana, bin Salam u Selima, imwieled Tripoli fit-28 ta’ Settembru 1985 u residenti gewwa Tripoli numru ta triq 10, bieb bla numru, detentur ta’ Passaport Libjan b’Numru 305611 mahrug gewwa Tripoli fl-10 ta’ Frar 2010 u validu sad-9 ta’ Frar 2014, talli matul il-lejl ta’ bejn il-15 u s-16 ta’ Gunju 2012 gewwa Paceville, San Giljan u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet u granet differenti:

1. Ikkommetta serq ta' tlett *mobile phones*, tnejn tal-marka NOKIA u iehor tal-marka SAMSUNG, kif ukoll zewg *digital compact cameras* tal-marka PANASONIC ‘Lumix’ u SONY, li jammontaw ghal iktar minn €232 izda inqas minn €2,329, minn gewwa l-istabiliment bl-isem ta’ ‘NORDIC BAR’ li jinsab St. Rita Steps, Paceville, San Giljan, ghad-detriment ta’ Michaela Mallia detentrici tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 576791(M) u ta’ Francesca Marmara detentrici tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 407990(M) u diversi nies ohra mhux maghrufa, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 261(c) u (f), 267 u 270 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer xjentament xtara jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta’ dan il-kaz u rat l-atti l-ohra kollha;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi dedotti kontrih.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u li rregistra

ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li kkoopera mal-Pulizija u li l-oggetti misruqa gew ritornati lill-Pulizija, kif ukoll li t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 261(c) u (f), 267, 270, 279 (a) u 280 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu tikkundannah ghal perijodu ta' sena (1) prigunerija izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi hemm lok li tinghata sentenza sospiza a tenur ta' l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tissospendi t-terminu ta' sena (1) prigunerija ghal sena (1) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------